# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 977/00**

**Numru 37**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Anna Caruana**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u sitta u hamsin lira (Lm356) rappresentanti import ta' erbgha (4) kambjali, 3 ta' Lm88 il-wahda u l-ohra ta' Lm92, debitament accettati u skaduti minn Awissu 1999 sa Novembru 1999 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 4 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax kummercjali mill-iskadenza tal-kambjali li sat-30 ta' Gunju 2000 jammontaw ghal Lm24 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet a fol 2 sa 5 tal-atti.

Wara li rat in-nota a fol 21 tal-atti li biha s-socjeta attrici rriduciet it-talba in esami bis-somma ta' Lm140.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fis-16 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm216.00,0 bl-imghax kummercjali mill-iskadenza ta' kull kambjala sat-30 ta' Gunju 2000 ammontanti ghal Lm24 oltre imghax kummercjali ulterjuri dovut fuq Lm216.00,0 mill-ewwel (1) ta' Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg